MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2022

Appell Inferjuri Numru 37/2020 LM

**Enemalta p.l.c. (C 65836) ġia magħrufa bħala Korporazzjoni Enemalta**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Mirabelle Enterprises Limited (C 5537)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Mirabelle Enterprises Limited (C 5537)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mil-lodo arbitrali mogħti fl-Arbitraġġ Mandatorju numru EW4942/2017 fid-29 ta' Lulju, 2020, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l

quddiem ‘it-Tribunal’] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘iċ-Ċentru’], li permezz tiegħu ddeċieda billi ddikjara li s-soċjetà appellanta għandha tħallas lis-soċjetà rikorrenti **Enemalta p.l.c. (C 65836)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] l-ammont ta’ €15,913.08, bl-imgħaxijiet mid-data tal-lodo arbitrali u bl-ispejjeż kontra l-imsemmija soċjetà appellanta.

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li s-soċjetà appellata kienet u għadha tipprovdi lis-soċjetà appellanta b’servizz tal-elettriku fuq il-kont li llum għandu n-numru 101000096077, għall-konsum f’żewġ ristoranti bl-isem ‘Mirabelle Restaurant’ u ‘Fat Harry Restaurant’, u anki f’ħames appartamenti, kollha formanti parti mill-kumpless ġestit mis-soċjetà appellanta fi Triq il-Korp tal-Pijunieri ġewwa Buġibba. Wara spezzjoni mhux mistennija mwettqa mis-soċjetà appellata, instab li l-*meter* tal-elettriku ma kienx qed jirreġistra konsum fuq wieħed mill-*phases* tiegħu u kienet saħansitra saret Inkjesta Maġisterjali fuq rapport li sar mal-Pulizija mis-soċjetà appellata, u tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ċertu Paul Pantalleresco li nstab ħati fuq ammissjoni tiegħu stess.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellata għalhekk intavolat proċeduri arbitrali permezz ta’ Avviż tal-Arbitraġġ u Dikjarazzjoni tat-Talba, li ġew ippreżentati flimkien fl-10 ta’ Jannar, 2017 fil-konfront tas-soċjetà appellanta, fejn filwaqt li fissret li hemm

relazzjoni kuntrattwali bejniethom fejn hija kienet marbuta li tipprovdi l-elettriku lis-soċjetà appellanta, filwaqt li din kellha l-obbligu li tħallas għal dik il-provvista, anki jekk il-konsum ma kienx reġistrat għal raġunijiet estraneji għaliha, talbet sabiex jiġi likwidat okkorrendo bl-operat ta' esperti fil-materja dak l-ammont ta' provvista li s-soċjeta appellanta bbenefikat minnu fil-perijodu bejn is-6 ta' Settembru, 2000 sas-6 ta' Settembru, 2005 u anki dak l-ammont attwalment dovut lilha għal dik il-provvista tal-elettriku. B'hekk talbet ukoll sabiex is-soċjetà appellanta tiġi kkundannata tħallas l-ammont hekk likwidat, bl-imgħaxijiet legali dovuti skont il-liġi u bl-ispejjeż kontriha nklużi dawk tat-tliet ittri uffiċjali tas-7 ta' Marzu, 2008, tal-4 ta' Marzu, 2013 u tal-11 ta' Novembru, 2015 rispettivament.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-13 ta' Frar, 2017 fejn eċċepiet li t-talbiet tas-soċjetà appellata kienu infondati fil-fatt u fid-dritt għal dawn ir-raġunijiet: preliminarjament (1) l-arbitraġġ huwa deżert *ai termini* tal-artikolu 964 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) skont is-subartikoli 907(1) u 907(2) tal-istess liġi, is-soċjetà appellata ma setgħetx tibda proċeduri oħra dwar l-istess ħaġa mingħajr ma tħallas l-ispejjeż tal-kawża 298/2008 lis-soċjeta appellata; (3) it-talbiet tas-soċjetà appellata huma preskritti *ai termini* tal-para (f) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; fil-mertu (4) hija ma kinitx responsabbli għat-tbagħbis tal-arloġġi; (5) ma kien hemm l-ebda konsum mhux reġistrat fuq l-arloġġi msemmija; u (6) fi kwalunkwe każ hija ma kienet tenuta tħallas xejn lis-soċjetà appellata.

## Il-Lodo Arbitrali

5. It-Tribunal wasal għal-lodo arbitrali wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-ARBITRU:***

*F'dawn il-proċeduri s-soċjetà attriċi mhijiex qed tallega li s-soċjetà konvenuta in konnessjoni ma tbagħbis fil-meter. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas għall-konsum tal-elettriku a bażi tal-fatt li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas għall-elettriku li bbenefikat minnu.*

*Illi fir-risposta tagħha s-soċjetà konvenuta resqet tlett eċċezzjonijiet preliminari – li dan l-arbitraġġ huwa* "deżert"*; li dawn il-proċeduri ma setgħux isiru qabel li s-soċjetà attriċi ħallset l-ispejjes ta' kawża 298/2008 u t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta.*

*L-EWWEL TLETT EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI:*

*L-EWWEL EĊĊEZZJONI*

*Illi fl-ewwel eċċezzjoni s-soċjeta konvenuta tgħid li l-arbitraġġ huwa deżert ai termini tal-artikolu 964 tal-Kap 12.*

*L-artikolu 964 tal-Kap 12 jipprovdi li meta kawża hi differita sine die jew xort oħra sospiża għandha tiqies bħala deżerta...Illi s-soċjetà konvenuta tissottometti li s-soċjetà attriċi,* "li għandha monopolju statali fuq il-fornitura tal-elettriku, ma għandiex titħalla tmexxi bil-proċeduri li jidhrilha li għandha tieħu, meta trid u meta jogħġobha mingħajr ma ssofri s-sanzjonijiet imposti fuq kull persuna oħra".

*Illi billi jirriżulta li l-kawża 298/2008 ma ġietx differita sine die jew sospiza - dan l-artikolu 964 tal-Kap 12 ma japplikax. Illi jirrizulta li l-partijiet tal-kawża 298/2008 informaw lill-Qorti li ftehmu li jsir arbitraġġ. Ma kien hemm ebda ftehim quddiem il-Qorti dwar meta kellhom jibdew dawn il-proċeduri ta' arbitraġġ.*

*Illi b'riżultat ta' dan s-soċjetà konvenuta ma tistax tinsisti li l-arbitraġġ huwa deżert. Illi l-istitut ta' deżerzjoni ma jistax jiġi użat f'dawn iċ-ċirkostanzi. Ma hemmx provi li din il-kawża (297/2008) ġiet ippubblikata mal-kawżi l-oħra li marru sine die. Kienet l-istess Qorti fil-kawża 297/2008 li ordnat li l-proċess jintbagħat quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ (ara verbal tal-kawża tas-6 ta' Mejju 2008).*

*Illi fil-kawża Pavia vs Camilleri (Appell 27 ta' Ġunju 20154) intqal:*

"l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qiegħed imexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnu, iżda mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skont il-każ) minħabba htiġijiet amministrattivi tal-Qorti (ara deċiżjoni fl-ismijiet Azzopardi -vs- Aquilina et tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Novembru 1999)".

*Fil-kawża Cuschieri vs. Allwares Ltd (Appell 13/6/2018) ġie dikjarat:*

"inoltre jingħad li bl-inseriment tas-sub-artikolu (3) għall-Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) l-leġislatur wera l-intendiment ċar li s-sanzjoni tad-deżerzjoni għandha tiġi evitata meta raġjonevolment possibbli sabiex jiġu salvati l-kawżi."

*Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni hija miċħuda.*

*IT-TIENI EĊĊEZZJONI*

*Illi fit-tieni eċċezzjoni s-soċjetà konvenuta tgħid li b'effett tal-artikolu 907(1) u 907(2) tal-Kap 12, s-soċjetà attriċi ma setgħetx tibda dawn il-proċeduri qabel ma ħallset l-ispejjeż tal-kawża 298/2008 lis-soċjetà konvenuta.*

*Illi skont il-verbal tal-kawża 298/2008:*

"Dehru l-avukati tal-partijiet u dehret Isabelle Debattista għas-soċjetà rikorrenti u nfurmaw lill-Qorti li l-partijiet qablu illi jsir arbitraġġ...Il-Qorti ghalhekk tordna illi dan il-proċess intbagħat quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ u illi l-kawża titħassar minn fuq il-listi tagħha."

*Illi skont l-artikolu 907(2) tal-Kap 12 il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża. Illi ma hemmx provi li s-soċjetà attriċi irrinunzjat għal kawża 298.2008 u għalhekk dan l-artikolu tal-Kap 12 ma japplikax. Kien hemm ftehim dwar arbitraġġ u mhux rinunzja; kien hemm ordni tal-Qorti li l-proċess jintbagħat quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ u mhux rinunzja da parti tas-soċjetà attriċi.*

*L-EĊĊEZZJONI DWAR PRESKRIZZJONI*

*Illi s-soċjetà konvenuta tgħid li t-talba hi preskritta bi preskrizzjoni bl-egħluq ħames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta tghid li l-ewwel ittra uffiċjali saret fis-sena 2008 għal talba għal ħlas għall-perijodu bejn 2000 u 2005. Illi l-artikolu 2156(f) tal-Kap 12 jirriferi għal preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin. Skont is-soċjetà*

*konvenuta* "għalhekk fl-agħar ipoteżi għas-soċjetà esponenti ċertament f'kull każ wieħed ma jistax jikkunsidra ebda konsum li sar qabel s-7 ta' Marzu 2003".

*Għalhekk l-arbitru għandu jara jekk s-soċjetà konvenuta għandha raġun meta tissottometti li s-soċjetà attriċi ma tista' titlob ħlas għas-snin bejn 2000 u 2003 għaliex l-ittra uffiċjali saret biss f'2008.*

*Illi s-soċjetà attriċi ma setgħetx tippresenta ittra uffiċjali qabel is-sena 2005 (u ċioe meta s-soċjetà attriċi saret taf li kien hemm* "tampering" *fil-meter. Id-domanda hi jekk preskrizzjoni tibda minn meta l-kreditur isir jaf bil-inċident u jista' jibda proċeduri jew mid-data meta ammont huwa dovut.*

*Fil-kawża Helen Schembri et vs Anthony George Zahra noe (2005) ġie dikjarat li l-preskrizzjoni tibda minn meta l-attur seta' jibda l-proċeduri. Fil-kawża John Grech vs Ivan Mifsud (2003) sar riferenza għal artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili* "Subject to any other provisions of the law, the prescription of an action commences to run from the day on which such action can be exercised, irrespective of the state or condition of the person to whom the action is competent".

*Tali perijodu jiddependi minn meta l-attur seta' jibda l-kawża u jiddependi fuq ċirkostanzi oġġettivi u mhux fuq l-attur u injoranza tal-liġi mhux ġustifikazzjoni.*

*Fil-kawża deċiża fis-27 ta' Marzu 2020 – Grech et vs Pulis et (Appell) intqal:*

"Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu, li skont l-artikolu 2137 tal-Kodici Ċivili, dan jipprovdi li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Fis-sentenza hawn qabel ċitata saret referenza estensiva fuq dan il-prinċipju meta ngħad: "Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li actioni non natae non praescribitur. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jgħallmu li: "Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l'azione che è destinata ad estinguere... (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII. Par 364 pag 279). Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi "La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale" (op. Cit. Par 393 bis, pag 306); "Illi ġie stabilit ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 2137, iż-żmien li fih l-azzjoni jmissha tinbeda titqies minn ċirkostanzi oġġettivi u mhux minn x'jaħseb l-imġarrab, u li, ċertament, in-nuqqas ta' għarfien tal-liġi m'huwiex raġuni valida biex jingħad li l-azzjoni ma setgħetx issir qabel [ara sentenza Prim'Awla tal-25 t'April, 1964 fil-kawza fl-ismijiet Alfred Delia vs John Terstaferrata Abela (kollez. Vol: XLVIII.ii.959)]; "Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni

invokata mill-imħarrek, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet ghaddejja, u l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 t'April, 1993, fil-kawża fl-ismijiet Victor Quintano vs Giorgina Calleja et];

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation28, intqal li, "Huwa prinċipju magħruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt għar-riżarċiment tal-ħsara minħabba fatt illeċitu jiddekorri mill-mument li fih il-ħsara timmanifesta ruħha esternament u ssir oġġettivament perċepibbli u magħrufa".

*Illi f'dan il-każ l-ħsara saret* "oġġettivament perċepibbli*" biss f'2005. Għalhekk l-ittra uffiċjali ta' 2008 tinterompi l-preskrizzjoni b'mod li s-soċjetà attriċi għandha dritt li titlob ħlas għall-perijodu bejn 2000 u 2005.*

*Illi inoltre fin-nota ta' sottomissjonijiet s-soċjetà konvenuta tagħmel riferenza għal artikolu 2153 tal-Kap 16 u tgħid li billi s-soċjetà attriċi qiegħda titlob danni l-ittra uffiċjali hija tardiva. Illi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tingħata fin-nota ta' sottomissjonijiet. Għalhekk din is-sottomissjoni hija miċħuda.*

*Illi f'dawn il-proċeduri, s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi ħlas għal perijodu bejn 6 ta' Settembru 2000 u 6 ta' Settembru 2005. Illi dawn il-proċeduri ġew ppresentati biss fil-2017.*

*Illi qabel dawn il-proċeduri ta' arbitragg is-soċjetà attriċi ippreżentat ittra uffiċjali fis-7 ta' Marzu 2008, kawża f'2008, ittra uffiċjali f'Marzu 2013, ittra uffiċjali f'Novembru 2015.*

*Illi għalhekk il-perijodu ta' preskrizzjoni ġie interrott permezz ta' dawn l-ittri uffiċjali.*

*Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda billi ġew preżentati l-ittri uffiċjali fuq imsemmija.*

*EĊĊEZZJONIJIET DWAR IL-MERTU*

*Is-soċjetà konvenuta tissottometti li ma kinitx responsabbli għat-tbagħbis fl-arloġġ u kienu ttieħdu proċeduri kontra Paul Pantalleresco li kien instab ħati ta' tbagħbis ta' dan il-meter.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid li skont id-dokument ISA 1 l-konsum kien baqa' eżattament l-istess sew qabel ma ġie mibdul il-meter f'Settembru 2005 u kif ukoll wara. Dan ifisser li m'hemmx konsum mhux reġistrat u għalhekk ma hemm l-ebda ammont dovut lis-soċjetà attriċi.*

*Is-soċjetà konvenuta tissottometti kif ġej:*

"l-istabbiliment in kwistjoni qiegħed fil-pjazza ta' Buġibba u allura huwa affettwat direttament bl-andament tat-turizmu f'pajjiżna. Jekk it-turiżmu jiżdied, hekk ukoll il-bejgħ jiżdied. Fil-fatt minn ħarsa lejn il-varji dokumenti statistiċi li ġew prodotti u minn ħarsa lejn il-perijodi hemm indikati jidher illi hekk kif it-turiżmu f'Malta beda jiżdied sostanjalment wara s-sena 2009 hekk ukoll il-bejgħ li kien qed jsir minn dan l-istabbilment kien qiegħed ukoll jiżdied sostanzjalment wara dan il-perijodu. Minkejja dan, il-konsum tal-elettriku baqa' fl-istess livelli li kien qabel din iż-żieda fit-turiżmu u fil-bejgħ, bil-konklużjoni loġika tkun illi l-meter li kien hemm qabel ma dan gie midbul fit-2005 kien qed jirreġsitra l-konsum kollu li kien hemm, altrimenti kieku kien hemm xi konsum mhux rreġistrat, il-qari ta' dak il-meter wara li ġie mibdul kien ser jkun ħafna ogħla, tenut kont iktar u iktar taż-żieda fil-bejgħ. Ladarba dan ma kienx il-każ, allura huwa ċar li l-konsum kollu kien rreġistrat u l-ebda ammont addizjonali mhu dovut".

*Is-soċjetà attriċi mhijiex qed tallega lis-soċjetà konvenuta kienet responsabbli għal tbagħbis tal-meter iżda qed titlob il-ħlas ghal konsum tal-elettriku mingħand is-soċjetà konvenuta fil-kapacità tagħha ta' konsumatriċi tal-elettriku li hija obbligata li tħallas għall-elettriku li tibbenefika minnhu.*

*Illi meta saret l-ispezzjoni ma kien sar l-ebda eżerċizzju sabiex jiġi determinat x'kien il-*loading *fuq kull* phase*.*

*Is-soċjetà attriċi tissottometti li kien hemm* spike *eżatt wara li l-meter gie irranġat. Is-soċjetà konvenuta tikkontesta dan u tgħid li wara l-ispezzjoni d-*daily average *readings kienu 533* per day*. Skont dok ID2 il-konsum huwa kostanti qabel ma nbidel il-meter kif ukoll wara. Skont ID3 għalkemm il-bejgħ kien qed jiżdied wara li nbidel il-meter il-konsum tal-elettriku baqa' l-istess. Skont Dok ISA1 il-konsum fix-xitwa, kemm qabel u kemm wara li saret l-ispezzjoni fil-meter baqgħu l-istess.*

*Illi skont s-soċjetà attriċi Leġislazzjoni Sussidjarja 545.01 tagħti lis-soċjetà attriċi l-poter tiddetermina jekk meter qiegħed jaħdem sew jew le u biex tikkalkula l-ammont ta' konsum mhux irreġistrat.*

*Illi din il-leġislazzjoni Sussidjarja tipprovdi kif gej:*

*Regolament 83 (1):* 'Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 83A, il-konsum-aturi għandhom f'kull ħin raġonevoli jħallu lill-uffiċjali tal-operatur tas-sistema ta' dis-tribuzzjoni jidħlu fil-fondi tagħhom sabiex –

(a) jispezzjonaw jew jittestjaw l-impjant jew l-apparati elettriċi; jew
(b) jaqraw, jittestjaw, ineħħu jew jerġgħu jqegħdu l-meter; jew

(ċ) ineħħu jew jerġgħu jqegħdu l-*main fuses*; jew
(d) jispezzjonaw, ineħħu, jibdlu jew jerġgħu jqegħdu xi biċċa oħra mill-armar ta' Enemalta; jew
(e) iħalluhom jagħmlu spezzjonijiet tal-postijiet sabiex jiġi żgurat il-load tad-dawl jew horse power li jiġi installat fil-fond;
(f) jinstallaw, jispezzjonaw, jittestjaw, jibdlu, ineħħu jew jagħmlu kull xogħol ieħor li jista' jitqies meħtieġ mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fuq smart meter, jew xi xogħol ieħor relatat.'

*Regolament 88(1):*

'Meta rappreżentanti tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, awtorizzati kif imiss, ikunu raġonevlment sodisfatti illi l-meter tal-elettriku ġie mbagħbas jew li konsumatur jew xi persuna kisbet provvista tal-elettriku mhux skont il-liġi, jew li konsumatur jew persuna jkun responsabbli għal serq ta' elettriku, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu l-jedd illi:

… (b) jitlob bil-miktub, mingħand il-konsumatur jew il-persuna konċernata, l-ħlas tal-ammont kalkulat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bħala li huwa dovut lilu għall-provvista tal-elettriku li tkun inkisbet bil-mod mhux skont il-liġi kif imsemm f'dan ir-regolament, liema ammont jiġi bbażat fuq perijodu massimu ta' ħames snin, bl-imgħaxijiet li jiġu kalkolati bir-rata stabbilita bir-regolament 66(3), u l-imgħaxijiet jibqgħu jakkrexxu sa ma jsir il-ħlas kollu dovut;'

*Is-soċjetà konvenuta tikkontesta l-fatti u tgħid li t-talba hija bażata fuq kalkolu arbitrarju mingħajr bażi. Skont is-soċjetà konvenuta l-attriċi* "qabdet u żiedet il-konsum bi 33% li skont hi kien jirrappreżenta l-konsum mhux rreġistrat fuq dak il-phase li nstab li kien ġie "tampered with".

*Mistoqsi in kontro-eżami Chetcuti qal li ma ħax fatturi oħra in konsiderazzjoni, la jekk kienx hemm żieda jew tnaqqis fil-bejgħ u la jekk kienx hemm ċirkostanzi li affettwaw it-turizmu fil-pajjiż li kienu ser jkollhom impatt fuq il-konsum tal-elettriku.*

*Illi huwa veru li skont il-liġi s-soċjetà attriċi għandha dritt titlob il-ħlas tal-ammont mill-operatur tas-sistema iżda dan ifisser li s-soċjetà attriċi għandha dritt li tikkalkula l-ammont b'mod arbitrarju u mingħajr bażi fattwali?*

*L-arbitru ma jistax jaċċetta li s-soċjetà attriċi għandha dritt tikkalkola l-ammont dovut b'mod arbitrarju. Illi t-talba trid tkun ibbażata fuq kalkalu oġġettiv. Is-soċjetà attriċi ma pproduċiet ebda rapport indipendenti u oggettiv li jistablixxi li kien hemm nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' konsum.*

*Illi skont id-dokument RM meta mar on site l-espert tal-qorti qal li sar* “Surprise inspection*” u li:* “the meter was found not registering consumption on the red phase side due to a broken connection from the voltage wire side, thus effecting the meter register about 33% +/- on the record of consumption”.

*Dan il “+/-“ ifisser li seta kien li kien qed jiġi reġistrat iżjed konsum milli kien hemm?*

*Skont l-istess rapport:* “The red voltage wire was found without voltage on it. The meter disc was seen stopped and the yellow and blue current transformer opened. Otherwise with both these two meter disc was rotating.

The old meter was changed on the 12th of September 2005 with a final reading of 2508130 units at 8am. During the court expert’s enquiry the red phase voltage wire was again connected in the presence of the court expert and Mr. Rennie Debbatista and at that time the meter reading was 2502290 units at 4.50pm.”

*Illi mid-dokumenti esebiti s-soċjetà konvenuta tissottometti li għalkemm wara li l-meter ġie msewwi, it-turiżmu żdied u l-bejgħ mir-restaurants żied ma kienx hemm żieda rilevanti fir-reġistrazzjoni tal-konsum.*

*Illi għalhekk l-arbitru għandu jara l-konsum attwali u jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-ammonti li ġew reġistrati bħala konsum qabel u wara l-*inspection*.*

*Illi instab li l-meter kien* “tampered with” *f’Settembru 2005. Bejn 2000 u 2005 l-ammont dovut minn Mirabelle Enterprises kien:*

*25 Jan 2000:*
*Lm6459.24*
*2021.98*
*2066.13*

*Jannar 2001*
*2428.60*
*2068.82*
*1353.61*

*Jannar 2002*
*2447.05*
*2556.27*
*2452.92*
*3518.99*

*April 2003*
*2232.55*

*2070.21*
*3659.40*

*April 2004*
*2250.07*
*2005.30*
*2931.01*

*Frar 2005*
*1917.66*
*1324.40*
*1153.56*
*1585.38*

*Jannar 2006*
*2995.56*
*3839.67*
*2897.76*
*4563.59*
*5242.87*

*Dawn l-ammonti juru ċertu tibdil wara li instab it-*tampering*.*

*F'2005 l-ammont dovut kien total ta' LM 5981*

*Filwaqt li f'2006 kien total ta' LM 19,539.45*

*Skont Alan Chetcuti t-talba attriċi hi bażata fuq l-ammont mingħajr imgħax ta' euro 43473.01 li minnhom s-soċjetà konvenuta ħallaset euro 5823.43 bħala depositu mingħajr prġgudizzju. Chetcuti jagħmel riferenza għal dokument AC.*

*Dan id-dokument prodott minn Enemalta jinkludi spjegazzjoni tal-istima f'Settembru 2005 (meta instab it-*tampering*) l-*average daily consumption of units *kien taħt il-800.000 filwaqt li wara l-installazzjoni tal-meter ġdid l-*averages *kienu 973.33; 899.250; 614.432; 556.476; 786.568; 910.429; 580.900; 524.254; 618.985; 933.207. L-aħħar* average *kien f'Awwissu 2007. Dan ifisser li qabel ma ġie installat il-meter qatt ma kien hemm* average daily unit *ta' iktar minn 800.000 filwaqt li wara kien hemm żieda konsistenti.*

*Illi fil-kawża Mallia vs Camilleri (Qorti tal-Appell 1/12/2014) intqal:*

"Illi din il-kawża tittratta dwar arrikkiment indebitu li l-attur qiegħed jallega li l-konvenuti gawdew minnu meta l-istess attur għamel xi xogħlijiet fil-flat internament

numru 9, indikat erronjament fuq il-konvenju bħala numru 8 fil-livell tas-second floor b'entratura indipendenti, li tagħti fi triq ġdida bla isem f'Xemxija Heights, limiti ta' San Pawl il-Baħar. "Illi mill-provi prodotti jirriżulta li kien sar konvenju nhar il-5 ta' Lulju 1989 bejn l-attur (akkwirent prospettiv) u l-konvenuti sid ta' fond u dan il-konvenju bejn il-partijiet kien ġie estiż diversi drabi. Fil-frattemp l-attur għamel xi xogħlijiet differenti mill-ispecifications speċifikati, u jirriżulta li l-istess konvenuti kienu konnoxxenti ta' tali xogħlijiet, iżda l-kuntratt pubbliku relattiv fil-fatt qatt ma ġie pubblikat. "Illi allura l-attur qed jallega li huwa nefaq fil-proprjetà tal-konvenuti somma ta' flus skont ma jirriżulta mid-dokument "A" anness maċ-ċitazzjoni attriċi, li ma kienx se jonfoq kieku mhux għall-fatt li huwa kien sejjer ikun il-proprjetarju tal-flat in kwistjoni. "………..omissis………."

"Illi dwar il-punt li l-azzjoni tal-arrikkiment indebitu mhijiex proponibbli meta l-kreditur danneġġjat seta' jeżerċita azzjoni oħra biex jiġi indennizzat għall-preġudizzju soffert, din kienet mertu tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li ġiet deċiża minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza datata 31 ta' Mejju 1999.

F'din is-sentenza l-Qorti ddeċidiet li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi miċħuda u konsegwentement il-proċess ġie rimandat għand il-Perit Tekniku biex jiġi konkluż l-inkarigu tiegħu.

"Illi jirriżulta li fl-istess sentenza l-Qorti hekk diversament presjeduta semmiet it-tlett kriterji li fuqhom il-ġurisprudenza tagħna issejjes l-azzjoni de in rem verso u ċioe':- "(i) li l-ħaġa li tkun versata, jew li tkun għaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirriżulta ta' vantaġġ u utilità għalih ("l'arrichimento"); "(ii) li jkun hemm in-ness ta' kawzalità bejn il-hidma tal-attur u l-vantaġġ arrekat mill-konvenut ("il vincolo di causalità"); "(iii) li min ikun irċieva l-ħidma tal-attur ikun sar aktar sinjur b'dak li jgħaddi għandu u dana mingħajr ebda titolu (element li l-ġurista Baudry Lacantinerie, "Delle Obbligazioni" - Vol. IV pag. 550, jiddiskrivi bħala "il carrattere ingiusto dell'arrichimento").

Dawn l-elementi jinsabu elenkati u analizzati fil-kawża "Said vs Testaferrata Bonnici" (16 ta' Ġunju 1936) u ċitati fis-sentenza fl-ismijiet "George Sladden vs Albert Mais et" (P.A. (TM) – 27 ta' Jannar 2005). Tal-istess portata hija d-deċiżjoni "Blye Engineering Co. Ltd vs Victor Balzan et" (A.I.C. (PS) – 23 ta' Ġunju 2004). "Illi huwa wkoll rilevanti għal din il-kawża l-fatt li l-istess Qorti fis-sentenza ċitata sostniet li:- "Dwar it-tieni kriterju jirriżulta li wara li l-attur nefaq u għamel l-ispejjeż għal highly finished flat, il-konvenuti iddeċidew ibiegħu l-flat lill-terzi. Minn dan jigi soddisfatt it-tielet kriterju ukoll". "Illi l-Qorti hawn tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet "Joseph Cassar v Victor Farrugia" (A.C. - 3 ta' Settembru 1993) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell rriteniet li:- "una volta li l-konvenju ma ġiex konsegwit bil-kuntratt tal-bejgħ billi l-konvenut

ma riedx jersaq għall-kuntratt bil-prezz kif ridott mill-Kummissjarju tal-Artijiet, iż-żewġ partijiet għandhom jiġu mqiegħda fil-posizzjoni kif kienu meta sar il-konvenju in kwistjoni. Din il-Qorti bħall-ewwel Qorti tara li ċ-ċitazzjoni, kif ikkonċepita fit-termini tagħha, tikkomprendi talba mill-attur għar-rifuzjoni tal-ispejjeż minnu erogati fil-bini tal-erba' garages in kwisjtoni. Din it-talba għalhekk hija perfettament tenibbli". "Għalhekk l-art in kwistjoni baqgħet proprjetà tal-konvenut u dan ukoll bil-benefikati li ġew eretti fuqha mill-attur konsistenti fil-garages in kwistjoni. Min-naha l-oħra biex l-attur jiġi fil-posizzjoni ta' qabel irid jiġi rimborżat mill-konvenut l-ispejjeż kollha li ġew inkorsi minnu fil-kostruzzjoni tal-imsemmija garages…is-somma ta' Lm4,067 fil-fehma tal-qorti hija dovuta lill-attur għall-ispejjez kollha li hu kien ħareġ u dana a bażi tal-prinċipju legali 'nemini licet locupletari cum aliena jactura'".

"Illi minn dak isegwi li huwa assodat fil-ġurisprudenza nostrali li mhux leċitu li wieħed jagħmel profitt a skapitu ta' ħaddiehor. Konċettwalment, il-profitt huwa dak li għandu dritt għalih il-persuna li tkun għamlet din it-tip ta' kawża u f'dan il-kuntest il-persuna li tkun inkorriet tali ndebitu hija ntitolata li tirċievi kumpens ġust, li għandu allura jkun simili jew jekwivali għall-valur tal-benefikati jew miljoramenti li saru. Fil-fatt fil-kawża "Emanuel Bartolo vs Victor Micallef" (P.A. - 28 ta' Ottubru, 2004) ingħad li:- "Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mit-terz, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spe-jjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel ob-bligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti inter-essata". "Illi din il-Qorti fuq l-insenjament tal-ġurisprudenza imsemmija hawn fuq taqbel mal-attur meta huwa jissottometti li r-raġuni għalfejn il-konvenju ma ġiex seg-wit b'kuntratt pubbliku hija rrilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri. Dan iktar u iktar meta l-konvenuti qatt ma interpellaw lill-attur biex jersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali tat-trasferiment u lanqas istitwew xi kawża skont dak li jipprovdi l-artiklu 1357 tal-Kap 16, u dan sabiex l-istess konvenuti jġegħlu l-attur jixtri l-apparta-ment in kwistjoni. B'hekk l-effetti tal-konvenju bejn il-partijiet skadew u issa l-konten-denti iridu jitpoġġew fl-istatus quo ante l-iffirmar tal-istess konvenju. Il-konsegwenza ta' dan hija li l-attur għandu jiġi rimborsat għall-benefikati magħmula fil-proprjetà tal-konvenuti, u dan ukoll meta jirriżulta li l-konvenuti kienu konoxxenti tal-fatt li l-attur qed jagħmel l-istess xogħlijiet. Mhux hekk biss iżda jirriżulta wkoll li l-istess xogħol esegwit mill-attur kien mhux biss ta' utilità għall-konvenuti iżda wkoll li dan il-vantaġġ ħaduh mingħajr ebda ħlas ta' kumpens lill-attur ("George Sladden vs Albert Mais et" P.A. (TM) – 27 ta' Jannar 2005) u dan isegwi wkoll il-prinċipju "omnia labor optat pre-mium" ("Mercieca vs Laferla" – P.A. – 21 ta' Jannar 1994). "………..omissis……." "Illi

dwar il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont dovut bħala rifużjoni f'azzjoni ta' din ix-xorta l-Qorti tirriferi għal dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet "Richard Azzopardi vs Isabel Cassar" (P.A. - 1 ta' Marzu, 2004) fis-sens li:- "Hemm ħsibijiet li ma jaqblux ma' xulxin dwar iż-żmien li għandu jitqies għall-finijiet tal-indennizz. Għal uħud, l-ammont li għandu jitħallas lura jitqies b'rabta mal-arrikkiment li jkun seħħ fil-bidu, filwaqt li għal uħud oħrajn wieħed għandu jqis il-waqt li tkun saret it-talba ġudizzjarja jew il-waqt li tkun ingħatat is-sentenza. Kemm hu hekk, ġie mfisser li fl-azzjoni dwar arrik-kiment mhux mistħoqq "the amount recoverable is limited on the one hand by the value of the enrichment. More than this, the solvens cannot recover and the value is assessed not, as in gestion d'affaires, at the time of the intervention, but at the date of the action. If at that date the value of the benefit has disappeared, the action will fail. The amount recoverable is limited on the other hand by the amount of the sol-vens' own expenditure: it is immaterial that at the time of the action the value of the benefit enjoyed is considerably higher" Amos & Walton, op. cit., pag. 199". "Illi jidher li l-Qrati tagħna laqgħu l-applikazzjoni tal-kriterju li l-kumpens għandu jkun il-konkor-renza tal-vantaġġ miksub mix-xogħlijiet magħmulin u mhux biss għall-ispiża minfuqa biex twettqu dawk ix-xogħlijiet. Dan l-aħħar il-Qrati tagħna jidher li wessgħu il-medda tal-applikazzjoni tal-kumpens biex ikun magħmul jiddependi wkoll minn fatti soprav-venuti li kapaċi jawmentaw, jew inaqqsu, l-arrikkiment". "Rilevanti bħala elementi ta' konsiderazzjoni għall-valutazzjoni aktar konsona u ġusta jitqiesu l-bwona jew mala fede tal-persuna vantaġġjata u arrikkita. Din il-Qorti, fuq is-saħħa ta' diversi kittieba li qrat dwar is-suġġett, tasal biex tilqa' din ix-xejra ta' ħsieb". "Illi l-Qorti, f'din il-kawża (bħal fil-kawża hawn fuq ikkwotata) ma ssibx li l-konvenuti aġixxew b'mala fede. Il-Qorti hija tal-fehma li l-vantaġġ li tnissel bix-xogħlijiet magħmula jew mill-ispejjeż imħallsa għadu jeżisti u l-konvenuti gawdew mill-benefikati jew miljoramenti magħmula mill-attur u li l-konvenuti kienu konoxxenti tal-istess operat da parte tal-attur. Jidher ukoll li f'dawn il-proċeduri l-attur huwa sodisfatt bil-ħlas lura tal-ispejjeż li ntefqu, u fil-fatt dak huwa dak li qed jitlob li jitħallas lura mingħand il-konvenuti, u l-Qorti allura se timxi fuq dan il-binarju u fuq l-ammont hekk mitlub. "Illi fil-fatt jirriżulta mill-provi u mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku li I-attur nefaq somma ta' flus f'benefikati fil-flat de quo suġġett tal-konvenju indikat f'din l-azzjoni u li minnhom ibbenefikaw iI-konvenuti, għaliex il-kuntratt finali ma sarx u b'hekk l-appartament baqa' fil-pussess tal-istess konvenuti. Irriżulta ukoll li meta l-konvenuti biegħu I-ap-partment lill-terzi, huma biegħu il-flat bil-miljorament li kien għamel I-attur."

*Illi l-arbitru jikkonkludi li kien hemm* tampering *jew ħsara fil-meter u bħala riżultat ta' dan kien hemm gwadann inġustifikat mis-soċjetà konvenuta għad-detriment tas-soċjetà rikorrenti. Illi dwar il-kalkolu hemm diffikoltà għaliex hemm stima iżda mhux*

> *kalkolu eżatt tal-ammont li tilfet is-soċjetà rikorrenti b'riżultat ta' tali ħsara/*tamper-ing.
>
> *Illi skont Enemalta:*
>
> *Kien hemm:* "konsum mhux reġistrat ta' euro 43473.01 li minnhom tħallas depositu mingħajr preġudizzju mingħand il-konsumaturi ta' euro 5823.43 u qed nitkellmu baqa' pendenza lejn Enemalta ta' euro 37649.57".
>
> *Illi dan il-kalkolu ma jieħux in konsiderazzjoni diversi elementi bħal żieda fit-turiżmu wara l-ispezzjoni u ma hemmx rapport oġġettiv u indipendenti dwar kif kien qed jaħdem il-meter qabel ma saret l-ispezzjoni.*
>
> *Illi minkejja dan l-arbitru huwa konvint li minhabba difett jew tbagħbis fil-meter kien hemm gwadann inġustifikat da parti tas-soċjetà intimata."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà appellanta ntavolat ir-rikors tal-appell tagħha fit-13 ta' Awwissu 2020, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar, tannulla u tirrevoka l-lodo arbitrali, billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ u dawk odjerni. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (i) it-Tribunal żbalja meta ma kkonsidrax li t-talbiet tas-soċjetà appellata ma kienux preskritti; u (ii) is-soċjetà appellata naqset milli turi fuq bilanċ ta' probabbiltajiet xi gwadann kienet għamlet is-soċjetà appellanta, jekk għamlet.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Is-soċjetà appellata wieġbet permezz ta' risposta ippreżentata fis-27 ta' Awwissu, 2020, fejn issottomettiet li l-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi

miċħud bl-ispejjeż, stante li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust, legalment korrett u fih apprezzament tajjeb tal-punti legali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra ż-żewġ aggravji li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet tat-Tribunal u meħudin in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet magħmulin mis-soċjetà appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal żbalja meta qies li t-talbiet tas-soċjetà attriċi ma kienux preskritti]*

9. Is-soċjetà appellanta wara li tagħmel riferiment għal dak li kkonsidra t-Tribunal sabiex wasal għall-konklużjoni tiegħu li l-azzjoni tas-soċjetà appellata ma kinitx preskritta, tissottometti li ġaladarba s-soċjetà appellata qegħda tirreklama li l-ħsara kienet teżisti fis-sena 2000, ma setax ikun li l-ħsara ma kinitx oġġettivament perċepibbli. Tgħid illi jekk is-soċjetà appellata ma kinitx ħadet miżuri sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew ħsara jew tbagħbis fil-*meters* qabel is-sena 2005, hija ma kienet bl-ebda mod taħti għal dan. Hija tiċċita d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2137 tal-Kap. 16, u tissottometti li huwa prinċipju tad-dritt li l-ġurnata li tagħti bidu għall-preskrizzjoni hija determinabbli oġġettivament. Tiċċita wkoll l-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier dwar il-materja, filwaqt li ssostni għal darb'oħra li d-dritt li qed tirreklama s-soċjetà appellata ma twielidx f'Settembru 2015 meta nstab li l-*meter* kien ġie mbagħbas

iżda kien proprju meta tbagħbas il-*meter* u l-fatt li dan ġie skopert wara, ma seta' qatt ikun ta' preġudizzju għas-soċjetà appellanta. Għalhekk jekk wieħed kellu jqis li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik taħt il-para. (f) tal-artikolu 2156, bla dubju kwalunkwe pretensjoni fir-rigward taż-żmien qabel Marzu 2003, kienet preskritta għaliex id-data meta l-preskrizzjoni kienet ġiet interrotta l-ewwel darba kienet man-notifika tal-ewwel ittra uffiċjali f'Marzu 2008.

10. Is-soċjetà appellanta permezz ta' rikors intavolat fit-12 ta' Mejju, 2021 talbet lil din il-Qorti sabiex tressaq eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni. Il-Qorti laqgħet it-talba tagħha permezz tad-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2021 sabiex b'hekk is-soċjetà appellanta permezz ta' risposta ulterjuri ntavolata fis-6 ta' Lulju, 2021 qegħda teċċepixxi li t-talbiet tas-soċjetà appellata huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 1027 tal-Kap. 16. Għalhekk din il-Qorti ser tittratta din l-eċċezzjoni ulterjuri tagħha flimkien mal-ewwel aggravju mressaq minnha.

11. Is-soċjetà appellata min-naħa tagħha tissottometti li matul il-proċeduri tal-Arbitraġġ ġew ippreżentati bosta provi u xehdu diversi persuni dwar meta hija kienet saret taf li kien hemm tbagħbis fil-*meter.* Filwaqt li hija għamlet riferiment għall-imsemmija provi u xhieda u saħansitra ċċitat estratti minnhom, tissottometti li ma kienx hemm dubju li hija kienet saret taf li l-*meter* in kwistjoni ma kienx qed jirreġistra l-konsum sħiħ tal-elettriku hekk kif saret spezzjoni fis-6 ta' Settembru, 2005 u għalhekk kien minn dik id-data 'l quddiem li hija setgħet teżerċita l-azzjoni tagħha kontra s-soċjetà appellanta. Hija ssostni li għandha kull dritt titlob għall-ħlas ta' dak dovut għall-perijodu ta' ħames snin skont il-para. (b) tas-subregolament 88(1) tar-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku (L.S.545.01). Għal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni eċċepita *ai termini* tal-artikolu

2137 tal-Kap. 16, hija tgħid li tajjeb li wieħed jagħmel ukoll riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 562 tal-Kap. 12 u tissottometti li s-soċjetà appellata naqset milli tipprova minn liema data kienet bdiet tgħaddi l-preskrizzjoni. Tikkontendi li s-soċjetà appellanta tidher saħansitra indeċiża dwar jekk il-perijodu preskrittiv huwa proprju dak li jipprovdi għalih il-para. (f) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16. Tissottometti wkoll li hawn is-soċjetà appellanta qegħda timplika li jista' jkun li l-ammont dovut mhux kollu preskritt, iżda mbagħad f'parti oħra tar-rikors tal-appell tallega li l-ebda ammont m'għandu jiġi likwidat a favur tas-soċjetà appellata. Tgħid li s-soċjetà appellanta qegħda turi dubju wkoll dwar din il-preskrizzjoni eċċepita, għaliex fl-istess rikors kitbet li xtaqet tressaq eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 1027 tal-Kap. 16, u hawn tesprimi l-oġġezzjoni tagħha għall-preżentata ta' din l-eċċezzjoni ulterjuri fl-istadju odjern tal-proċeduri. Is-soċjetà appellata tissottometti wkoll li s-soċjetà appellanta kellha tagħżel terminu wieħed ta' preskrizzjoni, u mhux tittenta xortiha billi teċċepixxi tnejn. Barra minn hekk, tissottometti li l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 1027 ma setgħetx tiġi eċċepita minħabba dak li kien jipprovdi għalih is-subartikolu 2115(2) tal-Kap. 16, u dan filwaqt li spjegat li hija tista' tiġi kklassifikata bħala *"organizzazzjoni pubblika" ai termini* tal-para. (k) tas-subartikolu 1(13) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, għaliex hija kienet fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata mill-Gvern. Is-soċjetà appellanta tkompli tgħid li wara kollox l-artikolu 1027 tal-Kap. 16 ma kienx japplika fil-kuntest tal-kawża odjerna, għaliex hawn si tratta ta' ksur tal-obbligi kuntrattwali tas-soċjetà appellanta. L-istess sottomissjonijiet is-soċjetà appellata reġgħet ippreżentathom fir-risposta tagħha tal-24 ta' Mejju, 2021 għat-talba tas-soċjetà

appellanta sabiex tressaq eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu tal-liġi msemmi.

12. It-Tribunal irrileva li permezz tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li kienet qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, huwa kellu jara jekk fil-fatt hija kellhiex raġun li tgħid li s-soċjetà appellata ma setgħetx tressaq talba għall-ħlas għall-perijodu bejn 2000 u 2003 għaliex l-ittra uffiċjali kienet saret biss fis-sena 2008. Stqarr li fil-fatt is-soċjetà appellata ma setgħetx tippreżenta ittra uffiċjali qabel is-sena 2005, li kienet proprju s-sena meta hija saret taf li kien hemm tbagħbis fil-*meter*, iżda l-kwistjoni kienet jekk it-terminu tal-preskrizzjoni kellu jibda minn meta l-kreditur isir jaf bl-inċident u b'hekk jista' jieħu azzjoni jew minflok jibda mid-data meta l-ammont kien dovut. It-Tribunal hawn għamel riferiment għal żewġ sentenzi u stqarr li l-perijodu kien jiddependi minn meta l-attur seta' jagħmel il-kawża u kien jiddependi fuq ċirkostanzi oġġettivi u mhux fuq l-attur innifsu, filwaqt li żied igħid li l-injoranza tal-liġi mhijiex ġustifikazzjoni. It-Tribunal iċċita silta minn sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Grech et *vs.* Pulis et** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2020, u kkonsidra li fil-każ odjern il-ħsara saret *"oġġettivament perċepibbli"* biss fis-sena 2005, u għalhekk l-ittra uffiċjali tas-sena 2008 kienet interrompiet il-preskrizzjoni sabiex b'hekk is-soċjetà appellata għandha dritt li titlob ħlas għall-perijodu bejn 2000 u 2005. Ikkonsidra wkoll li minbarra l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Marzu, 2008, is-soċjetà appellata kienet ukoll ippreżentat żewġ ittri uffiċjali oħra qabel ma ntavolat il-proċeduri tal-arbitraġġ, jiġifieri waħda f'Marzu 2013 u oħra f'Novembru 2015, oltre kawża fis-sena 2008. B'hekk huwa ddeċieda li l-perijodu ta' preskrizzjoni kien ġie nterrott permezz tal-imsemmija ittri uffiċjali, u ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

13. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda tajba. Tibda billi tiċċita silta mis-sentenza tagħha stess, kif diversament ippreseduta, tat-2 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet **Mario Lapira *vs.* C & A Company Limited**[1], fejn filwaqt li din il-Qorti għamlet riferiment għall-artikolu 2137 tal-Kap. 16, għamlitha ċara li l-impossibilità li l-attur jaġixxi ma tridx tkun tiddependi fuq il-volontà tiegħu, iżda trid tkun kawża estranea għalih:

> *"Il-liġi tagħna b'disposizzjoni espressa tiddisponi bħala regola ġenerali illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda tgħaddi mill-ġurnata li fiha l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (Art 2137 tal-Kodiċi Ċivili). L-osservazzjoni ta' din ir-regola hija waħda bażika, tant li jinsab insenjat illi l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mill-volontà tiegħu, dovuta għal kawża estranea, li huwa ma setax jirrimwuovi" (Vol XLIX pI p500)."*

14. F'każ bħal dak odjern, min jeċċepixxi l-preskrizzjoni huwa tenut ukoll iressaq prova konkluživa li l-azzjoni setgħet tiġi ntavolata, u dan mingħajr jagħmel riferiment għall-istat jew għall-kundizzjoni tal-kreditur li lilu tispetta dik l-azzjoni. Hekk irriteniet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Guido J. Vella A&CE vs Dr. Emmanuel Cefai LL.D**[2]:

> *"L-artikolu 2137 tal-Kap 16 jipprovdi illi* "l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma tittieħed qis tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". *Dan il-fatt kif ingħad kellu jiġi stabbilit b'mod konkluživ minn min jeċċepixxi l-preskrizzjoni u tali prova kif sewwa kkostatat l-ewwel Qorti l-appellant baqa' ma għamilhiex."*

15. Kif sewwa osserva t-Tribunal, it-terminu ta' preskrizzjoni għandu jibda jiddekorri minn meta l-attur ikun jista' jibda l-proċeduri kontra l-konvenut jew

---

[1] App.Inf. 1507/00.
[2] App.Sup. 147/88, 05.10.01.

meta l-ħsara ssir "*oġġettivament perċepibbli*", prinċipju li ma jidhirx li huwa kkontestat mis-soċjetà appellanta. Hekk irriteniet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ignatius Busuttil *vs.* Water Services Corporation**[3] iċċitata wkoll mit-Tribunal:

> *"Huwa principju magħruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt għar-riżarċiment tal-ħsara minħabba fatt illeċitu jiddekorri mill-mument li fih il-ħsara timmanifesta ruħha esternament u ssir oġġettivament perċepibbli u magħruf. Għall-attur dan il-mument kien l-24 ta' Novembru 2000 u l-Qorti ma tistax tiġbed konġetturi illi dan seta' kien f'xi data anterjuri u bilfors 'l hinn mis-sentejn li ssemmi l-liġi fl-artikolu speċifiku. Għal kull buon fini l-Qorti tqis li hi proprju l-imsemmija data (24 ta' Novembru 2000) li fiha twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina (ara Laurent "Principii di Diritto Civile", Vol. XXXII para 16), u li jrid bħala bidu ta' tluq taż-żmien preskrittiv l-Artikolu 2137, Kodiċi Ċivili. Ara b'eżemplari Kopja Informali ta' Sentenza Paġna 7 minn 7 Qrati tal-Ġustizzja ta' dan il-prinċipju deċiżjonijiet a Vol. XXVIII P I p 726; Vol. XXIX P II p 103; Vol. XXXVI P II p 509 u Vol. XXXVII P I p 622, fost bosta oħrajn;"*

16. L-istess ħsieb ġie segwit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Joseph Abela *vs.* Francis Cassar et noe et**[4], fejn ingħad:

> *"Din il-Qorti tifhem ukoll illi f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdità fejn il-ħsara timmanifesta ruħha ferm bil-mod ma kienx faċli biex wieħed jistabbilixxi meta effettivament id-danneġġjat seta' japprezza l-gravità tal-problema App. Civ. 1733/92 19 u f'kull każ f'sitwazzjoni bħal din id-deċiżjoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qiegħda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll anke bl-applikazzjoni tal-principju* "contra non valentem agere non currit prescription"*".*

17. Il-Qorti tikkonsidra li s-soċjetà appellanta għalkemm hawn qiegħda tinsisti li s-soċjetà appellata ġaladarba qiegħda tgħid li l-ħsara kienet teżisti

[3] App.Inf. 2761/02, 12.01.05.
[4] App.Sup. 1733/92, 14.01.02.

qabel fis-sena 2000, allura din ma setgħetx ma kinitx *"oġġettivament perċepibbli"*, naqset milli tressaq id-debita prova li setgħet tikkonvinċi lil din il-Qorti, u anki lit-Tribunal qabilha, li l-azzjoni odjerna jew kwalunkwe att ieħor intiż sabiex jikser it-terminu ta' preskrizzjoni setgħu ġew intavolati qabel id-data tas-7 ta' Marzu, 2008 li fiha saret l-ewwel interpellanza uffiċjali min-naħa tal-imsemmija soċjetà appellata. Pjuttost il-provi kollha jixhdu li s-soċjetà appellata kienet fl-impossibilità li tagħmel dan, ġaladarba ma kinitx a konoxxenza tal-fatt li l-*meter* in kwistjoni kien imbagħbas. Hawn il-Qorti tagħmel riferiment għax-xhieda ta' Mario Cassar[5], li kien mar jagħmel spezzjoni għan-nom tas-soċjetà appellata fil-5 ta' Settembru, 2005 u fit-12 ta' Settembru, 2005, u r-*Report of Surprise Inspection* tiegħu[6], u x-xhieda tal-Inġ. John Tonna[7] li rċieva u eżamina r-rapport tal-imsemmi Mario Cassar.

18. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju ġustifikat, u tiċħdu.

19. Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 1027 tal-Kap. 16 kif imressqa mis-soċjetà appellanta quddiem din il-Qorti, tgħid li sewwa tirrileva s-soċjetà appellata li mhux permissibbli li tiġi eċċepita din il-preskrizzjoni minħabba dak li jipprovdi s-subartikolu 2115(2) tal-Kap. 16. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

*It-tieni aggravju:* *[is-soċjetà appellata naqset milli tipprova fuq bilanċ ta' probabbiltajiet xi gwadann, jekk xejn, kienet għamlet is-soċjetà appellanta]*

[5] Seduta 07.12.17.
[6] Dok. RM.
[7] Seduta 07.12.17.

20. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-pretensjoni tas-soċjetà appellanta hija msejsa fuq il-fatt li wieħed mill-*phases* instab li ma kienx qed jirreġistra kif kellu, b'dana li din il-pretensjoni ma kinitx tikkonsidra kemm kien ilu l-*meter* ma jirregistrax kif kellu, u x'*load* kien hemm fuqu, u aktar importanti minn hekk li minkejja ż-żieda sostanzjali fix-xogħol u fil-bejgħ, il-konsum tal-elettriku xorta waħda kien baqa' wieħed kostanti. Is-soċjetà appellanta ssostni li mill-atti jirriżulta li l-konsum kollu kien qed jiġi reġistrat u ma kien hemm l-ebda parti mill-konsum li ma kinitx qed tiġi reġistrata. Tgħid li sewwa qal it-Tribunal li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda dritt li tagħmel kalkolu tal-ammont b'mod arbitrarju u li t-talba tagħha trid tkun ibbażata fuq kalkolu oġġettiv. Irrilevat ukoll li t-Tribunal qies li s-soċjetà appellata ma ressqet l-ebda rapport indipendenti u oġġettiv li kien juri nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' konsum. Is-soċjetà appellanta filwaqt li għamlet riferiment għall-konklużjoni tat-Tribunal li minn dokument prodott mis-soċjetà appellata kien jidher li qabel ma nbidel il-*meter,* l-*average daily consumption* kien taħt it-800 unit u wara dan kien ogħla, kif spjegat fix-xhieda tagħha Isabella Debattista, dan kien riżultat ta' żball matematiku u l-*average daily units* kellhom ikunu 533 u mhux 899, u kien biss fix-xhur tas-sajf li l-*average daily units* kien jeċċedi t-800. Għal din ir-raġuni s-soċjetà appellanta ssostni li l-konsum kollu fuq dak il-*meter* kien qiegħed jiġi reġistrat. Hija b'hekk tagħmel riferiment għal Dok. ID1, u tagħlaq billi tgħid li fil-fatt ma jirriżulta l-ebda gwadann inġustifikat fil-konfront tas-soċjetà appellata.

21. Is-soċjetà appellata tibda billi tissottometti li dan l-aggravju huwa nfondat, għaliex kemm il-provi u anki x-xhieda li ġew ippreżentati jindikaw li l-*meter* ma kienx qed jirreġistra kif suppost, u hawn hija tagħmel riferiment

partikolari għax-xhieda ta' Mario Cassar, l-Inġ. John Tonna u r-*Report of Surprise Inspection.* Tagħmel ukoll riferiment għax-xhieda ta' Alan Chetcuti mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' April, 2018, li spjega kif kienu ġew ikkwantifikati l-ammonti ta' konsum ta' elettriku mhux reġistrat fuq il-*meter*, u anki għax-xhieda ta' Isabelle Debattista li ammettiet li kienet taf li kien hemm tbagħbis u/jew problemi oħra bil-*meter* wara li saret l-ispezzjoni min-naħa tas-soċjetà appellata u li wara li nbidel il-*meter* kien hemm żieda fil-*units* ta' konsum. Madankollu tgħid li din ix-xhud sostniet li "...l-*meter* jaqra kien qiegħed" meta ddikjarat li hija ma kellhiex il-kwalifiki neċessarji sabiex tikkonferma dan. Is-soċjetà appellata tagħmel riferiment għall-poteri tagħha kif joħorġu minn L.S. 545.01, inkluż dak sabiex tikkalkola l-ammont ta' konsum mhux reġistrat.

22. Il-Qorti mill-ewwel għandha tgħid li t-Tribunal għamel evalwazzjoni tajba tal-provi li kellu quddiemu, b'mod li wasal għal deċiżjoni tajba u ġusta. Huwa sewwa beda billi osserva li s-soċjetà appellata ma kinitx qegħda tallega li s-soċjetà appellanta hija responsabbli għal tbagħbis fil-*meter,* iżda kienet qed tirreklama ħlas tal-konsum tal-elettriku li s-soċjetà appellanta bbenefikat minnu. Il-Qorti tgħid li dan joħroġ ċar mit-talbiet imressqa mis-soċjetà appellata permezz tad-Dikjarazzjoni tat-Talba tagħha magħmula quddiem it-Tribunal.

23. Dan tal-aħħar imbagħad ikkonsidra li meta saret l-ispezzjoni, ma kien sar l-ebda eżerċizzju sabiex jiġi determinat il-*loading* fuq kull *phase.* Fil-fatt il-Qorti tirrileva li fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2017, Mario Cassar filwaqt li stqarr li huwa ma jkunx jaf il-*loading* fuq kull *phase* x'inhu, żied jgħid li huwa kien ġabar il-*loads* kollha tal-istabbiliment kollu. Hekk fil-fatt jirriżulta mir-*Report of Surprise Inspection* immarkat bħala Dok. RM.

24. It-Tribunal mbagħad irrileva li filwaqt li s-soċjetà appellata kienet qegħda tissottometti li kien hemm *spike* eżatt wara li l-*meter* ġie rranġat, is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li wara l-ispezzjoni d-*daily average readings* kienu ta' 533.

25. It-Tribunal iċċita l-L.S.545.01 li kienet tagħti lis-soċjetà appellata l-jedd li titlob il-ħlas ta' dak l-ammont li hija tkun ikkalkulat li huwa dovut lilha għal konsum mhux reġistrat. Min-naħa tagħha qal li s-soċjetà appellanta filwaqt li kienet qegħda tikkontesta l-fatti, kienet qegħda tissottometti li l-kalkolu kien wieħed arbitrarju, u osserva li in kontro-eżami fil-fatt Alan Chetcuti stqarr li huwa ma kienx ħa fatturi oħra in konsiderazzjoni.

26. It-Tribunal wera d-dubju tiegħu dwar jekk il-jedd li kellha s-soċjetà appellata kienx isarraf fid-dritt li hija tagħmel kalkolu arbitrarju tal-ammont dovut lilha, u stqarr li kuntrarjament it-talba tagħha għandha tkun ibbażata fuq kalkolu oġġettiv. Il-Qorti tgħid li ċertament is-subregolament 88(1) ma jistax jinftiehem li qed jagħti diskrezzjoni assoluta lis-soċjetà appellata fil-kalkolu ta' dak li jista' jkun dovut lilha fil-każijiet kontemplati mill-imsemmi sub-regolament, u għalhekk tajjeb għaraf it-Tribunal li l-kalkolu għandu jistrieħ fuq fatti oġġettivi. It-Tribunal hawn għalhekk ikkonsidra li s-soċjetà appellata fil-fatt ma ppreżentat l-ebda rapport indipendenti u oġġettiv sabiex turi li kien hemm nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' konsum. Filwaqt li għamel riferiment għal Dok. RM u dak li qal l-espert tal-Qorti li l-konnessjoni nterrota kellha effett ta' 33% +/- fuq il-konsum, kellu dubju jekk allura dan kien qed ifisser li kien qed jiġi reġistrat aktar konsum.

27. It-Tribunal għalhekk għażel, u hawn il-Qorti tgħid li din kellha tkun it-triq li kellha tiġi segwita lejn deċiżjoni ġusta, li għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu meħud in konsiderazzjoni l-ammonti li ġew reġistrati bħala konsum qabel u wara l-ispezzjoni, filwaqt li jara l-konsum attwali. Għalhekk wara li elenka l-ammonti dovuta għas-snin 2000 sa 2006, sab li fis-sena 2005 l-ammont dovut kien ta' Lm5,981, iżda korrettement osserva li fis-sena sussegwenti 2006 dan kien ta' Lm19,539.45. Huwa hawn għamel riferiment għax-xhieda ta' Alan Chetcuti u anki għal Dok. AC prodott mis-soċjetà appellata, fejn kien hemm spjegazzjoni tal-istima ta' Settembru 2005, fejn kien hemm indikat li l-*average daily consumption* ta' *units* qabel l-installazzjoni tal-*meter* il-ġdid kien taħt it-800, iżda wara kien hemm żieda konsistenti u kkwota l-*averages* relattivi sa Awissu 2007.

28. Hawn filwaqt li tagħmel riferiment għall-argument tas-soċjetà appellanta li ż-żieda qawwija fir-reġistrazzjoni tal-konsum hekk kif inbidel il-*meter* għandha tiġi attribwita għal żball matematiku, il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-informazzjoni kollha li jagħti Dok. AC għax-xhur li jsegwu u anki x-xhieda ta' Alan Chetcuti waqt is-seduta tas-16 ta' April, 2018, fejn b'riferiment għal Dok. AC dan qal *"[w]ieħed jara b'mod ċar kif wara l-ispezzjoni, b'mod immedjat il-konsum spajkja 'il fuq u spajkja 'il fuq b'mod konsistenti għal dawk is-snin, dawk is-sentejn ta' wara l-ispezzjoni".* Tgħid illi anki mill-*graph* jirriżulta b'mod ċar kemm fil-fatt żied il-konsum wara li nbiddel il-*meter* u li l-argument tas-soċjetà appellanta ma jispjegax din iż-żieda konsistenti matul ix-xhur <u>kollha</u> li jsegwu.

29. It-Tribunal mbagħad għadda sabiex iċċita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Mallia *vs.* Camilleri** deċiża fl-1 ta' Diċembru, 2014 fir-rigward tal-

elementi tal-azzjoni tal-arrikkiment indebitu, u ddikjara li fil-każ odjern fil-fehma tiegħu kien hemm tbagħbis jew ħsara fil-*meter* u dan wassal għal gwadann inġustifikat mis-soċjetà appellanta għad-detriment tas-soċjetà appellata. Il-Qorti tosserva li min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta kienet eċċepiet li hija ma kinitx responsabbli għall-ebda tbagħbis u li ma kien hemm l-ebda konsum mhux irreġistrat, iżda kif diġà ngħad l-azzjoni tas-soċjetà appellata mhijiex imsejsa fuq allegazzjoni ta' tbagħbis iżda fuq l-arrikkiment indebitu tas-soċjetà appellanta. Iżda għandu jingħad ukoll li lanqas ukoll ma jista' jiġi kontestat il-fatt li l-*meter* kien tbagħbas jew mod ieħor fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront ta' Paul Pantalleresco, u saħansitra ma jidhirx li s-soċjetà appellanta llum qegħda tinsisti quddiem din il-Qorti fuq din id-difiża tagħha.

30. It-Tribunal imbagħad tajjeb osserva li dwar il-kalkolu ta' dak il-gwadann, kien hemm diffikoltà għaliex kien hemm biss stima u mhux kalkolu eżatt. Osserva li l-kalkolu tas-soċjetà appellata ma kienx jieħu in konsiderazzjoni ż-żieda fit-turiżmu wara l-ispezzjoni, u lanqas ma kien hemm rapport oġġettiv u indipendenti dwar kif kien qed jaħdem il-*meter* qabel l-ispezzjoni, iżda minkejja dan kollu huwa qal li kien konvint li minħabba difett jew tbagħbis kien hemm gwadann inġustifikat min-naħa tas-soċjetà appellanta, u għalhekk *arbitrio boni viri* ddeċieda sabiex inaqqas l-ammont dovut bin-nofs għal €21,736.50, filwaqt li naqqas l-ammont li tħallas akkont ta' €5,823.43, sabiex iddikjara li l-ammont dovut mis-soċjetà appellanta kien ta' €15,913.08.

31. Il-Qorti tosserva li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda punti ġodda quddiemha fl-argumenti miġjuba in sostenn tat-tieni aggravju tagħha, u għalhekk ma ssib xejn li jista' jxejjen u jpoġġi fid-dubju d-deċiżjoni tat-Tribunal.

32. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u qiegħda tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta u tilqa' it-talbiet tas-soċjetà appellata.**

**L-ispejjeż tal-imsemmi lodo arbitrali jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu wkoll mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**